# Għal għonq it-triq

© B. Bartolini, L. Scaglianti & M. Landri Addattata mill-originali "'L'uomo va" minn Dun Mikiel Galea

Rit: **A C#m D A**
Miexja lkoll għal għonq it-triq
**Bm E F#m D**
Imsaħħin minn kelmtek,
**B E**
O Feddej
**A C#m D A**
Ngħixu bik u nikbru fik,
**Bm F#m D Dm A**
Ibqa' magħna, Mulej Ġesù.

**C Em**
Kelmtek ħajja dawl għalina,
**F C**
Għal riġlejna musbieħ jiddi
**Dm Am**
Meta miexja f' triq mudlama,
**Dm E**
Ma nafux lejn fejn sejrin. Rit:

Kelmtek ħajja faraġ tagħna,
Iddewwilna qalbna mnikkta,
Tnissel fina raġġ ta' tama
Biex flimkien inkomplu t-triq. Rit:

Kelmtek ħajja nar għalina,
Issaffina minn ħtijietna,
Tħeġġeġ fina 'l qalbna bierda
Biex nagħrfuk, biex inħobbuk. Rit:

